**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022**

**Rikors Ġuramentat numru:- 56/2015 BS**

**Joseph u martu Giorgia konjuġi Gatt,**
**Carmen Pauline sive Carine Buttigieg u Michael Gatt**

**-vs-**

**Franco Galea u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2020 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Noel Galea stante l-mewt ta' Franco Galea fil-mori tal-kawża.**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Joseph u martu Giorgia konjuġi Gatt, Carmen Pauline sive Carine Buttigieg u Michael Gatt illi ppremettew:**

1. Illi ir-rikorrenti flimkien u in solidum bejniethom ilhom jirrendu kuri, servizzi u assitenzi lill-konvenut Franco Galea għal dawn l-aħħar snin u cioe' sa minn Mejju 2012 , inkluż tisjir ta' ikel, xiri ta' ikel, ħwejjeġ u sigaretti, servizz bil-vettura kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta, ħlasijiet ta' Taxxi, VAT u multi, ġarr ta' merkanzija u diversi servizzi, kuri u assistenzi oħrajn li ser jiġu dettaljatament ippruvati matul il-kors ta' dina l-kawża;

2. Illi l-istess konvenut ilu jokkupa l-appartament appartenenti lill-attriċi Gina Gatt u cioe' Flat 3, G & D Flats, Qbajjar Road, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex sa minn Mejju 2012 u sal-ġurnata ta' llum huwa għadu qatt ma ħallas ebda kera kwalsiasi lill-atturi jew min minnhom;

3. Illi in oltre, l-istess konvenut sa mill-ġurnata li fiha beda jokkupa tali appartament għadu qatt ma ħallas il-kera u l-konsum relattivi għad-dawl u l-ilma liema konsum u kera ta' metres relattivi sal-ġurnata ta' llum jammonta għal elf, sitt mija u erbatax-il Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€1614.21), liema ammont dejjem tħallas mill-attur Joseph Gatt;

4. Illi in oltre, l-istess konvenut sa mill-ġurnata li fiha beda jokkupa tali appartament għadu qatt ma ħallas il-kera u l-konsum relattivi cable TV liema ammont ukoll dejjem tħallas mill-attur Joseph Gatt;

5. Illi l-istess konvenut personalment u/jew flimkien ma' terzi li huwa bla ebda awtorizazzjoni daħħal jgħixu miegħu fl-imsemmi appartament ossia fi Flat 3, G & D Flats, Qbajjar Road, Marsalfom, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex kkawża diversi ħsarat kemm fl-appartment iniffsu kif ukoll fil-mobbli li hemm jew kien hemm fl-istess appartament;

6. Illi in oltre l-konvenut Franco Galea ilu jokkupa garaxx ossia store fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace, Victoria, Għawdex propjeta ta' l-attur Michael Gatt u fejn huwa ddepożita diversi effetti personali tiegħu sa' minn Mejju 2012 u sal-ġurnata ta' llum huwa għadu qatt ma ħallas ebda kera kwalsiasi lill-atturi jew min minnhom;

7. Illi finalment l-konvenut Franco Galea kkawża ukoll diversi ħsarat fuq il-vettura bin-numru GWW002 propjeta' tal-attur Michael Gatt, tal-għamla Toyota Celica, liema vettura tinsab ġewwa garaxx li huma biss l-konvenut l-istess Michael Gatt li f'dak iż-żmien kellhom aċċess għalih u li sa minn Diċembru 2014 huwa l-konvenut Franco Galea waħdu li għandu aċċess għalih;

Jgħid għalhekk il-konvenut, għaliex għar-raġunijiet fuq premessi m'għandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja okkorrendo l-ħatra ta' periti:

1. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi jew min minnhom versu l-kuri, servizzi u assitenzi reżi lill-konvenut Franco Galea sa minn Mejju elfejn u tnax (2012) sa Diċembru elfejn u erbatax (2014);

2. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi jew min minnhom versu l-kera dovuta lill-atturi jew min minnhom għar-rigward tal-appartament Flat 3, G&D Flats, Qbajjar Road, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex sa minn Mejju elfejn u tnax (2012) sad-data tas-sentenza definitiva;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont dovut minnu versu l-kera u l-konsum relattivi għad-dawl u l-ilma tal-Flat 3, G & D Flats, Qbajjar Road, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex sa minn Mejju 2012 sad-data tas-sentenza relattiva;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont dovut minnu versu l-kera u l-konsum relattivi għall-Cable TV tal-Flat 3, G & D Flats, Qbajjar Road, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex sa minn Mejju 2012 sad-data tas-sentenza relattiva;

5. Tillikwida l-ħsarat li saru u għadhom qed isiru fl-appartament Flat 3, G & D Flats, Qbajjar Road, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u fuq il-mobbli ta' ġo fih, inkluż ukoll ħsarat fil-bieba tal-mains tad-dawl kif ukoll l-ingombru fil-partijiet komuni li qed jirrendi l-aċċessa għall-appartment Flat 4, G & D Flats, Qbajjar Road, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex ukoll propjeta tal-atturi jew min minnhom, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għal tali ħsarat u danni u konsegwentement tikkundannaħ sabiex iħallas l-ammont dovut minnu versu tali ħsarat u danni;

6. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi jew min minnhom versu l-kera dovuta lill-atturi jew min minnhom għar-rigward tal-garaxx ossia store fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria, Għawdex sa' minn Mejju 2012 sad-data tas-sentenza relattiva;

7. Tillikwida l-ħsarat li saru fuq il-vettura bin-numru GWW002 propjeta' tal-attur Michael Gatt, tal-għamla Toyota Celica, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għal tali ħsarat u tikkundannaħ sabiex iħallas l-ammont dovut minnu versu tali ħsarat;

8. Illi sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, l-atturi diġa ppreżentaw Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 122/2015PC fl-ismijiet Joseph Gatt et vs Franco Galea liema mandat ġie aċċettat provviżorjament minn dina l-Onorabbli Qorti u dina l-kawża qegħdha ssir ukoll sabiex iżżomm tali mandat in vigore;

Bl-interessi sa mid-data ta' Lulju 2015 sad-data tal-effettiv pagament kif ukoll bl-ispejjes, kompriżi dawk tat-tlett ittri bonarji mibgħuta lill-konvenut, ta' l-ittri uffiċċjali spediti f'Lulju u f'Awwissu 2015, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 122/2015PC kollha kontra l-konvenut li jibqa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Franco Galea illi eċċepixxa:**

1. Illi l-konveut jikkontesta illi ġew reżi lilu xi serviġi kif allegat;

2. Illi jekk saru xi għajnuniet servizzi zgħar li zgur ma jikkwalifikawx bħala serviġi fit-termini tal-liġi dawn saru familiaris vel pietatis u mingħajr xi ħsieb jew intitolamen ta' kumpens;

3. Illi cio nonostante l-konvenut dejjem kien galantom ma l-atturi u għal dawn l-għajnuniet zgħar dejjem ikkompensahom kemm bi flus kif ukoll b'oggetti ta' valur;

4. Illi l-atturi l-anqas qatt ma pretendew flus. L-problema ta' l-atturi twieldet biss meta wara li l-attur kien għamel testament fejn ħallha ġidu fil-atturi, huma ma kinux kuntenti u riedu illi l-konvenut jitrasferilhom gratwitament ġidu f'ħajtu;

5. Illi dwar l-okkupazzjoni tal-fond G&D Flats, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, qatt ma kien hemm xi ftehim ta' kera u għalhekk ma tista

tiġi likwidata kera. Ġialadarba ma kienx hemm kuntratt ta' kera dan ma jistax jiġi maħluq ġuddizzjarjament;

6. Illi in oltre l-konvenut ġie kostrett minn l-atturi sabiex jibqa joqgħod f'dan l-appartament. L-atturi ħadu kull ma kellu l-konvenut tahi l-iskuża biex iżommuhomlu, nkluża l-għamara u l-mobbli kollha li kellu, u kull meta huwa jitlobhom dawn l-mobbli sabiex ikun jista jmur jgħix f'dar oħru dawn dejjem irrifjutaw li jtuhomlu, anzi heġġew li jibqa fl-appartament;

7. Illi dwar il-ħlas tad-dawl u l-ilma u l-cable TV, kull meta l-konvenut talab il-kont tagħhom lil atturi, dawn infurmawħ illi ma kellux kontijiet simili xi jħallas, għaliex il-kontijiet kienu qed jiġu kollha fuq l-okkupant ta' l-appartament tas-sular u kien qed iħallas taż-żewġt appartamenti hu;

8. Illi dwar il-ħsarat allegati, l-konvenut jikkontesta illi saru xi ħsarat minnu, kif allegat. L-atturi jafu tajjeb x'hemm u ma hemmx fl-appartament għaliex riċentament daħlu u gaighu il-bibien ta' l-appartament, neħħew is-sodod u qalgħu il-bibien tal-bank tal-kċina, b'mod li ħallew lil konvenut li hu persuna li tbgħati minn mard, jgħix sub standard;

9. Illi dwar il-garaxx fi triq l-Arċisqof Pietru Pace qatt ma kien hemm xi ftehim ta' kera u għalhekk ma tista tiġi likwidata kera. Ġaladarba ma kienx hemm kuntratt ta′ kera dan ma jistax jiġi maħluq ġuddizzjarjament;

10. Illi l-garaxx de quo qed jintuża biex abbuzivament u illegalment l-atturi jissekwestraw diversi apparat u oġġetti propjeta tal-konvenut u li huma qed jirrifjutaw li jtuħ. Il-konvenut l-anqas għandu ċavetta ta' dan il-fond ossi garaxx;

11. Illi l-konvenut qatt ma kkawża ħsarat fuq il-vettura GWW 002 kif allegat;

12. Illi għal kuntarju l-atturi qed iżommu f'idejhom ħafna ġid mobbli, għamara, għodod, apparat, u stokk ta' xorb illi qabel kien fil-ħanut tal-konvenut li minħabba f'hekk ġabu lil konvenut f'sitwazzjoni

lampa stampa, b'mod illi l-bżonn ta' l-użu ta' xi propjeta tal-atturi kkawżawh l-atturi stess;

13. Illi fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u is-sitt talba għalkemm hemm talba ghal likwidazzjoni ma hemmx talba għal kundanna ta' l-ammont likwidat u għalhekk dawn it-talbiet huma frivoli għaliex ma hemmx it-talba għal kundanna, li jekk issir ikun extra petitia;

14. Illi d-domandi apttriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjes;

15. Illi din ir-risposta qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn Franco Galea li għandu konoxxenza vera u propia li taw lok għal din il-kawża.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2016 il-konvenut iddikjara li dik il-ġimgħa stess huwa kien eżegwixxa xogħolijiet ta' riparazzjoni fl-appartament inkluż ukoll billi żebgħa l-appartament kollu u għalhekk offra ċ-ċwievet tal-appartament lill-atturi. In vista tal-ħames talba tagħhom l-atturi rriżervaw il-pożizzjoni tagħhom sabiex qabel jaċċettaw lura ċ-ċavetta tal-fond jagħmlu dawk il-verifiki kollha neċessarji dwar il-kundizzjoni tal-appartament.

Rat illi b'digriet tat-13 ta' Jannar 2020 il-Qorti laqgħet it-talba kif ifformolata fir-rikors tal-4 ta' Novembru 2019 ippreżentat min Noel Galea bħala eredi tal-konvenut Franco Galea li ġie nieqes fil-mori tal-kawża, u awtorizzat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Noel Galea.

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum bil-fakolta' mogħtija lill-partijiet sabiex iressqu nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-atturi qegħdin primarjament jitolbu kumpens għal serviġi reżi minnhom lill-konvenut. Qegħdin jitolbu wkoll diversi ħlasijiet fosthom tal-kera għaż-żmien kollu illi l-konvenut dam jirrisjedi fl-appartament Flat 3, G & D Flats, Qbajjar Road, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, kif ukoll il-ħlas tal-kera għall-okkupazzjoni ta' garaxx u maħżen proprjeta' tal-atturi. L-atturi qegħdin ukoll jippretendu ħlas ta' danni allegatament ikkawżati mill-konvenut fil-proprjeta' tal-atturi u fuq il-vettura proprjeta' tal-attur Michael Gatt.

Il-konvenut ressaq diversi eċċezzjonijiet fil-mertu fejn fis-sustanza qiegħed jirrespinġi l-pretensjonijiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. Il-konvenut jisħaq illi ebda ammont ma huwa dovut minnu lill-atturi għaliex dak illi għamlu miegħu l-atturi għamluh b'rispett lejh u mhux bi pretensjoni ta' kumpens.

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tittratta t-talbiet attriċi individwalment.

## 1. Serviġi

Il-kumpens għal serviġi jitnissel mill-fatt illi meta persuna tippresta ruħha u tagħti kura u attenzjoni din tkun qegħda tagħti vantaġġ lill-persuna li tkun qegħda tirċievi u tibbenefika minn dawk il-prestazzjonijiet.

L-għotja ta' serviġi għandha mill-għamla tal-kważi-kuntratt li fit-termini tal-Artikolu 1012 tal-Kap 16 huwa meqjus bħala *"fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

Il-ħlas għal serviġi reżi mhuwiex fost l-atti kkontemplati taħt l-Artikolu 1233(1) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk mhux meħtieġa l-prova illi l-wegħda għall-kumpens issir permezz ta' att pubbliku jew skrittura privata.

Huwa ormai prinċipju aċċettat fil-ġurisprudenza nostrana illi kull għamla ta' serviġi għandhom jiġu meqjusa bħala li ġew reżi bl-aspettattiva ta' kumpens salv fejn jirriżulta b'mod konklussiv u inekwivoku illi min irrenda s-serviġi għamel dan gratwitament u mingħajr speranza ta' kumpens. Dan il-prinċipju huwa rikonoxxut illi japplika anki f'każ fejn

is-serviġi ġew reżi minn persuna għal oħra li huma mparentati bejniethom.

Fis-sentenza fl-ismijiet `**Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et**` deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta` Ottubru 1954 ingħad is-segwenti:-

*Il-kumpens ghal servigi prestati jista` jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta c-cirkustanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tas-servigi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment. U fil-gurisprudenza recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, huwa applikabilii l-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta` kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pure meta hemm relazzjonijiet ta` parentela. Jekk il-provi juru li, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens.*

*Dak li hu importanti li ghandu jigi ezaminat, biex wiehed jara ghandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta gew prestati s-servigi; u cirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joholqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joholqu.* [1]

Fil-kawża fl-ismijiet **Ivy Angus vs. Joseph Calleja noe** li kienet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta` Frar 1958 kien osservat illi :-

*`Azzjoni ghall-hlas ta` kumpens ghal servigi rezi, skont il-kunsens unanimi tal-gurisprudenza nostrali; hija bazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimement fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servigi lil haddiehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenokke` ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda hsieb li jkun kompensat, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu "familiaritatis sive pietatis causa"; f'liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama s-servigi jrid ibieghed minnu dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha, sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jintenta. Certament, l-intenzjoni tas-serventi li jithallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta` importanza f'kawzi bhal dawn; kif ukoll mhux ta` min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-ghaliex, tant mill-punto di vista tal-intenzjoni tar-*

[1] Ara wkoll: **Zammit et vs Vella noe**, Qorti tal-Appell, 1 ta' Diċembru 1958; **Francis Borg vs Carmen Gaffiero et**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' Marzu 2003; **George Olaf Attard vs Bubbly Trading Limited et**, Tribunal Għal Talbiet Żgħar, 11 ta` Marzu 2017

*retribwibbilita`, kemm mill-punto di vista tal-mizura tal-kumpens, dawn il-punti ghandhom importanza. Hekk, per ezempju, fil-kaz li persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b`persuna li taf li hija fqira, il-prezunzjoni li dawk is-servigi saru bil-fehma ta` hlas ma tregix; u mill-banda l-ohra lanqas tista` tigi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f`dak l-istat finanzjarju. Jinghad ukoll li, jekk persuna li tigi servuta tkun ta` fakoltajiet ekonomici ristretti, imma mhux tali li tkun indigenti, huwa prezunt li tisserva b`persuna li tkun kuntenta b`retribuzzjoni moderata, u mhux ga tali li tirrendiha ndigenti.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Jeanne Borg vs Christian Zammit**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 2018, il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet li huma ta' siwi għall-każ' ta' llum. Ingħad hekk:

*Fl-istat tal-gurisprudenza taghna kif inhi fil-prezent, hemm presunzjoni juris tantum li kwalunkwe servigi rezi jkunu qeghdin jigu rezi bl-isperanza ta` kumpens. Min jallega li s-servigi saru b`xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa` l-prezunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta` hlas.*

*Dwar il-**quantum tas-servigi**, tajjeb jinghad illi huwa biss meta ma jkunx miftiehem specifikament x`tip ta` kumpens ser ikun dovut illi l-Qorti tista` tillikwida tali kumpens arbitrio boni viri jew bl-assistenza ta` esperti (ara – **Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil** – PA - 28 ta` Mejju, 2003). Fin-nuqqas ta` ftehim espress dwar il-kumpens li ghandu jithallas, il-gurisprudenza taghna elenkat lista ta` fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta ssir il-likwidazzjoni :-*

- *(i) il-grad ta` qrubija bejn min jaqdi u l-persuna meghjuna*
- *(ii) il-frekwenza tas-servigi*
- *(iii) in-natura tas-servigi*
- *(iv) il-kedda, l-inkonvenjent jew it-tbatija biex inghataw is-servigi*
- *(v) il-grad ta` hila jew specjalizzazzjoni li jkunu esercitati fit-twettieq tas-servigi*
- *(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna koncernata tkun inkorriet spejjez jew infieq minn taghha*
- *(vii) il-mezzi tal-persuna li tkun hadet vantagg mill-prestazzjonijiet.*

*(ara : **Tessie Micallef et vs Lawrence Galea et** - 28 ta` April 2011 ; **Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe et** - 31 ta` Mejju 2002)*

*Fil-bicca l-kbira tas-sentenzi, il-kumpens ma jammontax ghal somom gholjin (minkejja l-aspettativi ta` l-persuni li jkunu pprestaw is-servigi) peress illi s-servigi kwazi dejjem jinghataw minhabba ragunijiet ta` parentela.*

*Fis-sentenza li tat fil-11 ta` Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet '**Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius'** din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet :-*

*Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, il-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f`dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "**Zammit et vs Farrugia Sacco noe**" deciza fit-28 ta` Gunju, 1982.*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Mejju 1989 fil-kawza 'Delicata vs Saliba' inghad illi ghax id-dritt ghall-hlas ta` servigi huwa bbazat fuq kwazi-kuntratt mhux fuq kuntratt, il-likwidazzjoni tal-quantum mhijiex relatata biss mal-prestazzjoni ut sic izda trid titqies fil-kuntest ta` fatturi ohra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Ghalhekk il-metodologija tal-kalkolu tal-kumpens qatt ma tkun tekwivali b`mod aritmetiku il-valur tax-xoghol li jkun sar.*

*F`sentenza aktar recenti li tat fit-2 ta` Mejju 2016 fil-kawza '**Francis Mizzi et vs Roseann Galea et**' il-Qorti tal-Appell, wara li qieset illi kienu prestati servigi estensivi minn zewg persuni b`mod kontinwu lil persuna li kienet bed-ridden akkordat l-ammont ta` €70 fil-gimgha ghal kull wahda miz-zewg persuni.*

Tressqu provi suffiċjenti li juru li l-konvenut Franco Galea kien afflitt minn diversi problemi mediċi ta' natura sejra ħafna u għalhekk kien jeħtieġ jirċievi diversi kuri u trattamenti fuq bażi prattikament ta' kuljum. Tajjeb jingħad illi l-kura u t-trattamenti kien jirċevihom ġewwa l-isptarijiet ta' Malta u Għawdex b'dan illi ma kienx jeħtieġ li jirċievi xi kuri partikolari fid-dar tiegħu.

L-atturi penġew lill-konvenut bħala persuna f'qagħda tali li kien inkapaċi jieħu ħsieb tiegħu innifsu u inkapaċi jagħmel l-affarijiet tiegħu waħdu. Jagħtu stampa ta' persuna totalment dipendenti fuq l-għajnuna tagħhom sabiex jiġġestixxi diversi aspetti fil-ħajja tiegħu fosthom saħħtu, in-negozju illi kellu u l-affarijiet fil-ħajja ta' kuljum. L-attriċi Carmen sive Carine Buttigieg xehdet illi lejn l-aħħar xhur li l-konvenut kien qiegħed

jiġġestixxi n-negozju tiegħu hija kienet bdiet tieħu ħsieb il-parti amministrattiva u sabet li kien hemm diversi pendenzi ta' taxxi, VAT, liċenzji, u kontijiet tal-utilitajiet fin-negozju. Tgħid li kienet tieħu ħsieb tikkorrispondi mad-Dipartimenti relattivi u addirittura ħadet ħsieb illi tħallas il-pendenzi. Dan jikkontrasta bil-qawwi max-xhieda tal-konvenut li xehed illi pendenzi ta' VAT ma kienx hemm u pendenzi oħra kienet izzija tiegħu ċerta Filomena illi rat li jitħallsu.

L-atturi xehdu estensivament dwar kemm kienu jwasslu lill-Franco Galea għall-appuntamenti tiegħu l-isptar, dwar kemm kienu jaħslulu ħwejjeġ u joħdulu ikel. Anton Galea, ossia ħu l-attriċi Georgia Gatt u z-ziju tal-atturi Carmen u Michael aħwa Gatt, ukoll ikkonferma li l-atturi kienu jżuru lill-konvenut l-isptar u anki joħdulu xi ikel. Raymond Cini, *head nurse* fil-*male ward*, u Anthony Sciberras mir-*renal unit*, ukoll ikkonfermaw illi l-atturi, senjatament Carmen sive Carine Buttigieg kienet twassal lil Franco Galea għal xi appuntamenti li kien ikollu.

Da parti tal-atturi dawn enfasiżżaw ukoll l-involviment tal-attur Joseph Gatt fil-konklużjoni tan-negozju bejn il-konvenut Franco Galea u Mark Grech. Tajjeb jingħad illi l-konvenut kien imexxi ħanut tax-xorb ġewwa Marsalforn. In-negozju ma' Mark Grech kien għall-fini li l-konvenut iċedi n-negozju lil Grech u jirċievi rigal bħala kumpens għaċ-ċessjoni. L-attur Joseph Gatt xehed illi hu kien direttament involut fin-negozjati bejn Franco Galea u Mark Grech u għen sabiex wassalhom għall-konklużjoni ta' dak in-negozju. Mark Grech ukoll ikkonferma li kien hemm drabi meta l-attur Joseph Gatt kien preżenti waqt id-diskussjonijiet. Żied jgħid illi "*Jien naħseb kien qed jipprova jwassalna. ... Kien qed jipprova jwassal in-negozju.*" Żied jgħid illi saħansitra ġieli saru diskussjonijiet fil-garaxx li l-attur għandu ġewwa r-Rabat u li minnu jagħmel xogħol ta' mastrudaxxa. Il-konvenut pero' ma jaqbilx ma dan tant illi xehed illi ebda ħlas ta' senserija ma kien dovut lill-attur Joseph Gatt għaliex għalkemm ġieli attenda għal xi laqa' relattiva għall-konklużjoni ta' dak in-negozju, is-sensar li wassalhom għal ftehim kien Kenneth Cutajar li finalment ġie mħallas is-senserija. Dwar dan l-istess negozju jirriżulta wkoll illi l-pagament tar-rigal sar abbażi ta' skaletta ta' pagamenti perijodiċi. L-attriċi Carmen sive Carine Buttigieg xehdet illi kienu diversi d-drabi meta wasslet lil Franco Galea ġewwa d-Duke's Complex sabiex jirċievi l-pagamenti u saħansitra serviet bħala xhud tal-firem fuq il-pagamenti. Dan ikkonfermawh kemm Mark Grech u kif ukoll l-istess konvenut Franco Galea.

Mill-atti jirriżulta li l-problemi ta' saħħa li kellu l-konvenut ikkawżawlu diversi diffikultajiet fiżiċi fosthom uġigħ, feriti u saħansitra problemi bil-vista. Madanakollu, ma tressqu ebda provi li l-konvenut kien persuna mitluqa. Din il-Qorti tgħid minnufih illi ma taqbel xejn ma' l-istampa illi l-atturi ppruvaw jagħtu tal-konvenut. Il-Qorti hekk kif ippreseduta ma kelliex l-opportunita' illi tara lill-konvenut fl-Awla tagħha għar-raġuni li sakemm il-kawża ġiet assenjata lilha, il-konvenut laħaq ġie nieqes. Madanakollu, il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha li jsawwru l-kawża odjerna u qieset b'ċirkospezzjoni kelma b'kelma ix-xhieda illi ngħatat partikolarment ix-xhieda tal-konvenut innifsu.

Anzi, għall-kuntrarju ġie ppruvat illi l-konvenut kien jgħix waħdu, kien jittraġitta waħdu prinċipalment billi jagħmel użu mit-trasport pubbliku u minn dak ipprovdut mill-isptarijiet ta' Malta u Għawdex u kien anki joħroġ u jmur jiekol minn diversi ristoranti Għawdxin. Saħansitra, il-konvenut xehed illi kien imur jagħmel ix-xirja tiegħu waħdu minn *supermarket* viċin l-appartament fejn kien qiegħed jgħix. Huma l-atturi stess, senjatament Michael Gatt u oħtu Carmen sive Carine Buttigieg illi xehdu li l-konvenut saħansitra akkwista mutur biex idur bih. Xehdu li dan il-mutur ma kienx mutur ordinarju iżda tat-tip *scrambler*. L-attriċi Carmen Buttiġieg xehdet illi kienet hi stess li nkoraġġiet lill-konvenut jixtri mutur iżgħar iżda dan ma riedx jaf mod ieħor. Il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-konvenut xtara dan il-mutur u addirittura użah, juri suffiċjentement kemm il-konvenut ma kienx impedut milli jagħmel l-affarijiet tiegħu waħdu.

Il-konvenut xehed b'kollox tlett darbiet fil-kors ta' dawn il-proċeduri u konsistentement baqa' jisħaq illi hu kollox kien kapaċi jagħmel waħdu għaliex kien indipendenti. Madanakollu xehed illi dak kollu li l-atturi għamlu miegħu, għamluh unikament sabiex fi kliemu stess "*jimmanipulawni*" u biex jitkixxfu dwar il-ġid tiegħu. Il-konvenut jikkonċedi li kien hemm diversi drabi meta sab l-assistenza ta' l-atturi sew sabiex iwassluh l-isptar, jew sabiex jattendi għal xi appuntament b'konnessjoni man-negozju illi kellu, jew saħansitra biex iġorr ħwejjġu minn post għall-ieħor. Fl-istess waqt żied jgħid illi l-atturi kienu wisq interessati f'ġidu tant illi l-attur Michael Gatt kien ta' sikwit jgħidlu biex jirranġaw il-karti. Il-konvenut xehed illi hu kien dejjem iwieġeb lura illi kien ser iħalli ġidu lill-atturi. Jgħid ukoll illi l-atturi nqdew bl-okkazjoni sabiex waqt illi għat-taparsi kienu qegħdin jgħinu lill-konvenut iġorr

ħwejjġu huma għamlu mezz li kkapparraw dawn l-oġġetti għalihom. Jgħid il-konvenut illi fost dawn l-oġġetti hemm għoddod, *scaffolding*, erba' kmamar tal-banju, kwantita ta' xorb alkoħoliku ammontanti għall-valur ta' €150,000, għamara u oġġetti oħra. L-atturi kkonfermaw illi dawn l-oġġetti għadhom sa llum jinsabu fil-pussess tagħhom.

Xehdu wkoll diversi persuni oħra, fosthom Noel Galea u Anton Galea li huma ħut il-konvenut u ħut l-attriċi Georgia Gatt. Noel Galea xehed illi għalkemm il-konvenut kien fi stat ta' saħħa ħażin ħafna huwa kien jagħmel l-affarijiet tiegħu waħdu inkluż illi jieħu ħsieb iqassam u jieħu l-mediċini li kellu kif ukoll imur l-isptar waħdu. Madanakollu, żied jgħid illi l-aħwa kollha kienu jduru bil-konvenut ħuhom u dak li kienu jagħmlu miegħu qatt ma sar bi ħsieb ta' ħlas. Żied jgħid illi fil-verita' l-konvenut kien imur tajjeb ma kulħadd għaliex kellu qalbu tad-deheb u ma kien jiġġieled ma' ħadd. Da parti tiegħu Anton Galea xehed illi jiddispjaċih ferm għall-fatt illi l-attur Joseph Gatt u ibnu Michael Gatt għawwew lill-konvenut Franco Galea u ġeliduh minn ma' ħutu stess. Spjega illi meta Franco Galea kien ikun rikoverat l-isptar kulħadd kien imur jarah u jdur bih.

Xehdu wkoll Ivan Attard u Josef Alwan, konoxxenti u ħbieb tal-konvenut Franco Galea. It-tnejn xehdu illi kienu jagħtu daqqa t'id lill-konvenut. Attard xehed illi kien jassisti lill-konvenut fil-faċendi għaliex minħabba l-istat ta' saħħa medika illi kien fiha, il-konvenut ma setax jagħmel il-faċendi waħdu. Jgħid ukoll illi kien jagħtih daqqa t'id fit-tisjir. Alwan ukoll xehed illi kien jgħin lill-konvenut fit-tisjir u kien anki jagħtih daqqa t'id billi jiġborlu l-pilloli mill-farmaċija tal-għażla tal-konvenut.

Fil-każ ta' llum il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'verżjonijiet kontrastanti dwar x'kienu sewwa sew il-fatti li kkaratterizzaw ir-relazzjoni bejn il-partijiet involuti f'din il-kawża.

F'kuntest ta' kunflitt ta' provi, għandha ssir referenza għall-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jisħaq li:

*"l-obbligu tal-prova ta 'fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

Issir ukoll referenza għall-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jisħaq li

*"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Dwar l-apprezzament tal-provi prodotti, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilaq**, deċiza fit-30 t' Ottubru 2003:

*"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"."*

*Il-konflitt tal-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).*

Hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Montebello vs Peter Montebello et** deċiża 19 ta' Novembru 2013:

*"Hawnhekk ta' min jirribadixxi li in tema legali huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li 'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. ' Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. "Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b 'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta' civili. " (PA*

*(NC)" Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo et"* - Deciza 28 April 2004).

U kif ġie kkonfermat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella**:

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo ". Madanakollu "l-Qorti ....ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tassoliti kriterji ta' kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabbilta' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant". Fin-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-verzjoni tal-attur ghandha tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

Dwar il-provi li għandu jressaq l-attur, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 t'April, 2007 fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:-

*"In materja ta ' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku talparti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta ' l-attur (reus in excipiendofit actor) – Ara Vol. XL v1/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri primafacie li t-tezi tal-attur hija sostenuta ' -Ara vol. XXXVII/i/577,*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-donaanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-*

*gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjona/i tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u rrazzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b 'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco -App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104) ".*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Magro Bradley vs Curmi Sarah** deċiża fil-25 ta' Gunju 2012:

*"Il-Qorti allura trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (non esse el non probari paria sunt). Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (ara l-kawza fl-ismijiet <u>Borg vs Bartolo</u> deciza nhar il-25 ta' Gunju 1980 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)). Il-grad ta ' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta . probabilitajiet (ara l-kawza fl-ismijiet <u>Caruana vs Laurenti</u> deciza nhar it-8 ta' April 1994 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-kawza fl-ismijiet <u>Borg vs Manager ta' I-Intrapriza tal-Halib</u> deciza nhar is-17 ta' Lulju 1981 mill-Prim 'Awla tal-Qorti Civili".*

Fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Settembru 2013 fil-kawza **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk :-

*"Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b 'sahhithom. Il-prova mistennija*

*fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspettjew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju (ara P.A. DS 13.2.2001 fil-kawza fl-ismijiet Nancy Caruana vs Odette Camilleri mhix pubblikata, imma fdan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004)...*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (App. Inf JSP 12. l. 2001 fil-kawzafl-ismijiet Hans J. Link et vs Raymond Mercieca).*

*Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (App. Inf PS 7.5.2010fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil)*

*;*

*Illi huwa ghalhekk li 1-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12). Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-afarijiet;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (App. Inf PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-princpju ghandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo el).*

*La darba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.)*

*Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (App. Civ. 19.6.2006fil-kawzafl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe).*

*Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (App. Inf 9.1.2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et).*

Il-provi fil-każ ta' llum huma totalment kontrastanti il-għaliex il-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri, kif ukoll ix-xhieda minnhom prodotti xehdu b'mod dijametrikament oppost li jagħmilha aktar diffiċli għall-Qorti li tistabbilixxi liema hija l-verita'. Il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi żvarjati li jikkaratterizzaw il-fatti li wasslu għall-vertenza odjerna, żgur illi ma kienx kollox iswed jew abjad kif ippruvaw jasserixxu l-partijiet. Eżaminati l-atti u x-xhieda bir-reqqa kollha dovuta, il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-verita' tinsab xi mkien fin-nofs.

Tressqu provi b'saħħithom u kongruwi biżżejjed li juru li l-konvenut, illum decuius Franco Galea kellu diversi diffikultajiet ikkawżati mill-mard serju illi ħakmu. Jirriżulta li l-mard xekklu xi ftit jew wisq fil-ħajja tiegħu ta' kuljum u kien għalhekk illi familjari u ħbieb kienu jassistuh fil-bżonnijiet tiegħu. Madanakollu, jirriżulta wkoll illi Franco Galea kien pjuttost indipendenti u kapaċi jagħmel l-affarijiet tiegħu waħdu.

L-atturi għamluha ċara li m'għamlu xejn għalxejn u dak kollu li għamlu ma' Franco Galea u l-kura u l-assistenzi kollha li pprestawlu għamlhom bl-iskop aħħari li jiġu kkumpensati. It-tir tal-atturi kien illi jirċievu l-ġid ta' Franco Galea bħala kumpenms għas-serviġi. Franco Galea xehed li l-attur Michael Gatt kien jassillah sabiex jirranġaw il-karti u Franco Galea

dejjem kien jassigurahom li ġidu kien sejjer iħallih kollu lill-atturi. Mill-atti jidher illi Franco Galea kien għamel testment fis-sena 2012 liema testment ġie mħassar u revokat b'testment li Galea għamel fis-sena 2015. Mix-xhieda ta' Carmen sive Carine Buttigieg jidher illi meta saret il-ftuħ tas-suċċesjoni ta' Franco Galea, l-atturi saru jafu li skont it-testment tal-2012, l-atturi kienu ġew istitwiti b'eredi tal-istess Galea. Jirriżulta wkoll illi wara li xxellfet ir-relazzjoni bejn l-atturi u Galea, Galea għamel testment ieħor fejn istitwixxa lil ħuħ Noel Galea b'eredi universali tiegħu.

Fix-xhieda tagħhom l-atturi jisħqu u jenfasizzaw illi pprestaw serviġi lil Galea fuq medda twila ta' snin. Joseph Gatt fil-fatt isemmi li s-serviġi bdew jiġu prestati sa minn madwar tminn snin qabel infetħet din il-kawża. Madanakollu, fir-rikors promotur, partikolarment fit-talbiet tagħhom, l-atturi jillimitaw il-perijodu li matulu pprestew serviġi għall-perijodu ta' żmien dekors bejn Mejju tas-sena 2012 u Diċembru tas-sena 2014. Il-Qorti tirribadixxi li hija marbuta tiddeċiedi strettament dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kif dedotti. Konsegwentement, il-Qorti sejra tqis biss dawk is-serviġi li setgħu ġew prestati matul il-perijodu ndikat mill-atturi fit-talbiet tagħhom.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi t-talba tal-atturi għall-ħlas ta' serviġi tista' tinqasam fi tnejn: i) is-serviġi prestati qua kura u assistenzi; ii) l-involviment ta' Joseph Gatt fil-konklużjoni tan-negozju bejn Franco Galea u Mark Grech.

**i) is-serviġi prestati qua kura u assistenzi**

Din il-Qorti tirrikonoxxi li l-atturi assistew lil Franco Galea f'diversi aspetti fil-ħajja tiegħu ta' kuljum fosthom illi jwassluh għal xi appuntamenti sew dawk mediċi sew dawk marbuta man-negozju, iżuruh waqt illi jkun rikoverat l-isptar, jassistuh fl-iżvolġiment tan-negozju tiegħu sew mil-lat fattwali kif ukoll minn dak amministtrattiv, jippreparawlu xi ikel u jaħslu xi ħwejjeġ tiegħu meta jkun il-każ, kif ukoll għenu meta ġarrew l-affarijiet ta' Galea minn post għal ieħor. Madanakollu, il-Qorti tqis illi dak illi l-atturi għamlu ma' Franco Galea ma kienx motivat minn sens ġenwin ta' assistenza. L-atturi għamlu dak li għamlu bi skop ben preċiż u cioe biex jirtu lil Galea. Mill-atti jidher illi fil-fatt, ir-relazzjoni bejn l-atturi u Galea xxellfet meta l-konvenut ma ċediex għall-pressjoni tal-atturi li jgħaddilhom ġidu matul ħajtu. Hija l-fehma tal-Qorti li l-atturi kkapparw ħwejjeġ Galea inkluż għamara,

għodod u xorb, fost l-oħrajn, bħala garanzija ta' ħlas għal dak illi għamlu miegħu. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ din il-fehma tagħha aktar u aktar meta tqis illi għalkemm l-atturi qalu fil-kors ta' dawn il-proċeduri li l-konvenut seta' jieħu ħwejjġu lura, bħala fatt l-atturi baqgħu iżommu għandhom dawn l-affarijiet, anki jekk fil-frattemp kienu diġa ntavolaw il-proċeduri odjerni.

Il-Qorti qieset ukoll illi Galea qatt ma jidher li talab assistenzi speċifiċi iżda forsi anki minħabba l-kundizzjoni medika tiegħu, kienu dawk ta' madwaru li kienu jduru bih u joffru minn jeddhom li jagħtuh daqqa t'id.

Ġie suffiċjentement stabbilit illi kwalunkwe kuri u assitenzi prestati lil Franco Galea ma kinux tali li jirrekjedu speċjalizazzjoni. Lanqas ma jidher illi l-assistenzi kienu ta' natura serja, kontinwa jew li kkrejaw xi inkonvenjent lill-atturi. L-atturi lanqas ma ressqu provi li juru li nkorrew xi spejjeż fil-kors tal-prestazzjoni tas-serviġi reżi minnhom. Kif xehdu l-atturi, Galea dejjem ħallas minn butu għall-bżonnijiet tiegħu.

Il-Qorti qieset ukoll illi fix-xhieda tiegħu il-konvenut saħaq li hu dejjem ikkumpensa lill-atturi għal dak ili għamlu miegħu sew billi silifhom għodod li sa llum jirriżultaw għadhom fil-pussess tal-atturi, sew billi tahom ħlas monetarju u kif ukoll billi xtara għall-atturi diversi oġġetti. L-atturi ma jaqblux ma dan biss kien jinkombi fuqhom li jressqu provi konkludenti u konvinċenti in sostenn tal-allegazzjonijiet tagħhom illi qatt ma tħallsu għal dak li għamlu mal-konvenut.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi dak kollu li l-atturi għamlu ma' Franco Galea huwa ftit wisq biex jimmerita kumpens kif pretiż mill-atturi. Tqis għalhekk illi ebda ħlas ma huwa lilhom dovut għall-prestazzjoni ta' serviġi. F'dan ir-rigward il-Qorti żżid tgħid illi kif ikkonfermaw l-atturi stess, ħwejjeġ Galea għadhom sa llum fil-pussess tal-atturi u ma jidhrux illi sa llum ġew mitlub jirritornaw dawn l-oġġetti lura.

**ii) l-involviment ta' Joseph Gatt fil-konklużjoni tan-negozju bejn Franco Galea u Mark Grech.**

F'dan ir-rigward tressqu provi li juru li Joseph Gatt kien involut f'xi negozjati u b'mod jew ieħor assista biex in-negozju jiġi konkluż b'suċċess. Żgur pero', li n-negozju ma ġiex konkluż esklussivament bis-saħħa ta'

Gatt tant illi tħallset senserija lil Kenneth Cutajar li kien hu li laqqa' l-partijiet u mexxa n-negozjati.

F'dan ir-rigward, tenut ukoll kont tal-fatt illi n-negozju ġie konkluż versu kumpens ta' €80,000 favur Galea, il-Qorti qiegħda tillikwida *arbitrio boni viri* is-somma ta' €2,000 favur l-attur Joseph Galea għas-serviġi minnu reżi fil-konklużjoni tal-imsemmi negozju. Il-Qorti pero' ma tistax tordna lill-eredi tal-konvenut iħallas l-ammont hekk likwidat u dan peress illi l-atturi, waqt illi avvanzaw talba għal-likwidazzjoni, ma ressqux ukoll talba għall-kundanna tal-ħlas fl-ammont hekk likwidat. Konsegwentement l-atturi ser ikollhom iġarrbu l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tagħhom.

## 2. Ħlas ta' kera

Ġie stabbilit illi f'Mejju tas-sena 2012 Franco Galea beda jirrisjedi fl-appartament numru 3, G & D Flats, Triq il-Qbajjar, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ.

L-appartament *de quo* intiret u huwa proprjeta' tal-attriċi Georgia Gatt.

Franco Galea ma ħallas ebda kera għall-okkupazzjoni tal-appartament. Meta beda jirrisjedi fl-appartament ħadd mill-partijiet ma kien tkellem dwar kera tant li la ġie ffisat quantum, la ġew stabbiliti termini u kondizzjonijiet, u lanqas ma sar xi ftehim f'dan ir-rigward. Kien biss meta beda jberraq u r-relazzjoni bejn l-atturi u Franco Galea ixxellfet b'mod definittiv illi l-atturi bdew javvanzaw il-pretensjoni tagħhom għall-ħlas tal-kera.

F'dan ir-rigward l-aktar xhieda mportanti hija dik ta' l-attriċi Georgia Gatt għaliex *del resto* l-appartament huwa derivanti mill-wirt fuq in-naħa tal-attriċi u llum huwa proprejta' tagħha. Il-Qorti tosserva li fl-affidavit tagħha l-attriċi Georgia Gatt xehdet illi "*huwa ghadu qatt ma hallas ebda kera kwalsiasi la lili u lanqas lir-ragel jew lil uliedi*." Din ix-xhieda tikkozza ma' dak illi l-istess Georgia Gatt xehdet fil-kontro-eżami tagħha. L-ewwel nett hija tibda billi tgħid li offriet l-appartament tagħha lil ħuha għaliex tħassritu meta rat illi għal xi żmien huwa kien qiegħed jorqgħod fuq bank fil-ħanut tiegħu. Tkompli tgħid hekk:

*<u>L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:</u>*
*Jigifieri ghax thassartu dan inti?*

*<u>Ix-xhud:</u>*
*Thassartu.*

*<u>L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:</u>*
*B'karita biex ngħidu hekk?*

*<u>Ix-xhud:</u>*
*Thassartu.*

*<u>L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:</u>*
*Ghidtlek jigifieri qisek qed taghmel karita mieghu?*

*<u>Ix-xhud:</u>*
*U zgur.*

*<u>L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:</u>*
*Issa flus zammejtlu?*

*<u>Ix-xhud:</u>*
*Le ma zammejtlux flus.*

*<u>L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:</u>*
*Jew qatt tlabtu flus?*

*<u>Ix-xhud:</u>*
*Flus ma tlabtux.*

*<u>L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:</u>*
*Issa jigifieri, ha niccaraha din u naghlaqha, dan int ghamiltu minn qalbek, mhux bhala kummerc?*

*<u>Ix-xhud:</u>*
*Le, le le.*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut jingħad illi bejn il-partijiet qatt ma kien hemm relazzjoni bħal dik li tinħoloq bejn is-sid u l-inkwilin f'każ ta' kirja. Jgħid għalhekk illi r-relazzjoni ġuridika li nħolqot kienet dik tal-kommodat li taħt l-Artikolu 1824 tal-Kodiċi Ċivili huwa mfisser bħala:

*"Il-komodat jew self għall-użu hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna ħaġa lill-parti l-oħra sabiex din tinqeda biha bla ħlas għal żmien jew għal użu determinat bl-obbligu ta' dak illi jirċeviha li jrodd il-ħaġa nnifisha."*

Il-karattru essenzjali tal-kommodat huwa l-gratuita fil-prestazzjoni tal-ħaġa.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Rokku Camilleri vs Carmelo Aquilina** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-25 ta' Ġunju 1980 ingħad illi:

*"Dan l-istitut jinsab inkorporat fil-Kodiċi Ċivili tagħna fit-titolu XV tat-Tieni parti tat-Tieni Ktieb fl-artikolu 1920 sa 1934 (art. 1824 sa 1838) iż-żewġ artikoli inklużi. Barra minn dan pero' l-istitut ġie wkoll diversi drabi kummentat mil-Qrati tagħna u jidher li fil-ġurisprudenza tagħna in materja hemm ċerta uniformita' u armonija ta' prinċipji u fl-applikazzjoni tagħhom. Skond l-artikolu 1920 (art. 1824) il-kommodat, jew self għall-użu hu l-kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikunsinna ħaġa lill-parti l-oħra sabiex din tinqeda biha, bla ħlas, għal żmien jew użu determinat, bl-obbligu lil dak li jirċeviha li jrodd il-ħaġa nnifisha. Karattru essenzjali fil-kommodat huwa l-gratwita tal-prestazzjoni tal-ħaġa għalkemm fil-kawża XVIII-III-69 ġie deċiż li l-kumpens nominali ma jħassarx il-kommodat purke' dak il-kumpens ikun żgħir u insjinifikanti. Bħala prassi pero' il-ġurisprudenza tagħna aktar reċenti imxiet fuq il-prinċipju aktar rigoruż tad-Dritt Ruman li jeskludi mill-kommodat kwalunkwe kumpens. Hekk per eżempju ġie deċiż fil-kawża Borg vs Abela (Vol. XXXIII.I.774) u Calscione et vs Schembri (Vol. XXXVIII-I-121). Għalhekk fil-każ li l-użu tal-ħaġa jiġi mogħti b'korrispettiv, jeżula l-kommodat u tissubentra ġeneralment il-figura tal-lokazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Pace vs Anthony Pace et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-28 ta' April 2004 il-Qorti siltet dawk l-aspetti li jikkaratteriżżaw l-istitut tal-kommodat:

*"1. 'Il-karattru essenzjali tal-kommodat huwa l-gratuita' tal-prestazzjoni tal-haga' – Kollez. Vol XXXIII pl p 774.*

*2. Tali kuntratt, meta verament jezisti, jimponi fuq il-kommodant 'l'obbligo di fare godere la cosa per tutto il tempo convenuto; e come il conduttore verso il locatore, cosi il commodatario verso il comadante, ha il diritto di servirsi della*

*cosa purche' la impieghi per l'uso determinato nel contratto' – Kollez. Vol. XVIII pIII p69.*

*3. 'L-ezistenza taz-zmien hija mportanti, ghaliex bejn il-'comodatum' u l-'precarium' id-differenza tikkonsisti precizament fiz-zmien iffissat. Meta hemm konvenut iz-zmien, il-kuntratt jissejjah 'commodatum', meta ma hemmx iz-zmien jissejjah 'precarium' - – Kollez. Vol. XVIII pIII p29.*

*4. Anke pero' minghajr il-fattur zmien il-kommodat ma jiznaturax ruhu f'prekarju ghaliex il-ligi tikkontempla l-ezistenza tal-kommodat "ghall-uzu determinat" u dan ma jispiccax skont l-artikolu 1835 "sakemm il-haga tibqa' sservi ghall-uzu li ghalih giet mislufa" (ara Grazio Portelli vs Geralda Portelli, Qorti tal-Appell, 5 ta' Frar 1971.*

*Għall-finijiet ta' din il-kawża dak li jidher li jikkonċerna l-aktar dan il-ġudizzju jirrigwarda ċertament il-konsiderazzjoni tal-gratwita, element esenzjalissimu tal-kommodat. Fuq dan il-punt jidher li huwa ormai paċifiku, a differenza ta' dak riskontrat f'ċerti sentenzi antiki, illi l-eżistenza tal-kommodat teskludi kwalsiasi kumpens, inkella, jekk fil-każ li l-użu tal-ħaġa jiġi mogħti b'korrispettiv, dan jeżula l-kommodat, u tissubentra, ġeneralment, il-figura tal-lokazzjoni (Kollez. Vol. XXXVIII pl p121)"*

Il-Qorti taqbel ma' u tagħmel tagħha l-insenjamenti hawn fuq premessi. Tqis illi dawn l-insenjamenti japplikaw perfettament għall-każ ta' llum. Abbazi tal-ġurisprudenza premessa, il-Qorti qegħda tistabbilixxi li r-relazzjoni instawrata bejn l-attriċi Georgia Gatt u Franco Galea kienet dik tal-kommodat għar-raġuni li l-prestazzjoni tal-appartament għall-fini residenzjali saret senza interessi u b'karita' ma' Franco Galea. Dan kollu jsib konferma fix-xhieda tal-attriċi stess.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi ebda ħlas ta' kera ma huwa dovut lill-atturi u konsegwentment sejra tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni talba kif dedotta.

**3. Ħlas għall-kera u konsum ta' dawl, ilma, cable TV minn Mejju 2012 sad-data tas-sentenza**

Qabel xejn il-Qorti tirrileva illi jekk semmai issib li xi ammonti huma dovuti minn Franco Galea, jew l-eredi tiegħu in rappreżentanza ta' kera

u konsum ta' dawl, ilma u cable TV, tali ammont għandu jkun limitat għall-perijodu li fih Franco Galea kien qiegħed jgħix fl-appartament. Mhijiex sostenibbli t-talba tal-atturi li l-ħlas għandu jkun minn Mejju 2012 sad-data tas-sentenza mhux biss għaliex illum il-ġurnata Franco Galea huwa mejjet iżda wkoll u fuq kollox għaliex fil-mori ta' dawn il-proċeduri Franco Galea kien diġa vvaka l-appartament *de quo*. Ma jagħmilx sens għalhekk illi jiġi kkundannat iħallas spejjeż ta' konsum li m'għamilx.

Ma hemmx dubju illi sakemm dam jghix ġewwa l-appartament de quo, Franco Galea għamel ċertu konsum ta' dawl u ilma. Huwa saħaq li ma kienx juża misħun għar-raġuni li l-kundizzjonijiet mediċi tiegħu ma kinux jippermettulu dan. Biss, anki jekk ma kienx juża misħun, żgur illi kien jikkonsma l-ilma biex isajjar, jinħasel u anki jagħmel xi faċendi.

Franco Galea saħaq li hu ma kienx juża *cable* TV u li kien ġab dan il-fatt a konjizzjoni tal-atturi. Galea pero' xehed illi ma jafx jgħid jekk l-atturi kienux qatgħu is-servizz fl-appartament.

L-atturi ppreżentaw tlett kontijiet li jkopru l-perijodu minn Ottubru 2012 sa Diċembru 2014. L-indikazzjoni fuq dawn il-kontijiet hija illi l-ħlas dovut huwa rappreżentanti "*Reception 2nd Home*". Mill-atti jirriżulta li l-atturi għandhom appartament ieħor fl-istess blokka. L-attriċi xehdet in kontro-eżami illi l-karta tal-Identita' tagħha kienet reġistrata fuq dan l-appartament u li hi u l-familja tagħha kienu jgħixu fl-appartament perjodikament partikolarment fix-xhur tas-sajf.

Mill-informazzjoni li toħroġ mill-kontijiet relattivi, jirriżulta li l-kontijiet inħarġu f'isem l-attur Joe Gatt residenti 'Flat 3, G&D, Triq il-Qbajjar, Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex. Madanakollu, fuq l-istess kont tniżżel ukoll li l-bilanċ huwa dwar proviżjoni ta' servizz ta' '*Reception 2nd Home*'. Fid-dawl ta' tali nformazzjoni magħduda lkoll flimkien, u tenut kont tal-fatt illi l-atturi stess għandhom appartament fl-istess blokka, il-Qorti għandha dubji serjissimi għar-rigward tal-fatt jekk dawn il-kontijiet humiex verament dawk għas-servizz provvdut fl-appartament okkupat minn Franco Galea inkella humiex għas-servizz provdut fl-appartamenti abitat mill-istess atturi. Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, il-Qorti għandha dubji serji ħafna dwar jekk l-atturi humiex japprofittaw mis-sitwazzjoni biex jittantaw jakkwistaw aktar minn dak illi ħaqqhom.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi la darba l-atturi ma seħħilhomx jiskarikaw il-piż tal-prova illi dawn l-ammonti huma realment dovuti lilhom minn Franco Galea, dan in-nuqqas għandu jimmilta favur il-konvenut li del resto xehed li qatt m'użu dan is-servizz. Din ix-xhieda ma ġietx kontradetta jew kontrastata.

Kwantu għall-kontijiet ta' dawl u ilma, l-atturi ppreżentaw numru konsiderevoli ta' tali kontijiet. Jirriżulta li l-kontijiet huma ndirizzati fil-konfront tas-sid ta' dak l-appartament u cioe l-attriċi Georgia Gatt. Il-Qorti tosserva li dawn id-dokumenti ġew esebiti flimkien mal-affadivati tal-attur Joseph Gatt u mhux ma' dak ta' Georgia Gatt b'tant illi kien Joseph Gatt li allura kkonferma dawk id-dokumenti bil-ġurament tiegħu u mhux l-attriċi Georgia Gatt. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-atturi naqsu pależement milli jipproduċu b'xhud rappreżentant tal-*Automated Revenue Managment Services Limited* sabiex jikkonferma l-kontenut tal-istess kontijiet. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Novembru 2002 fl-ismijiet **L-Avukat Dr. Jose' A. Herrera nomine vs Alfred Pace et nomine** fejn fir-rigward ta' dokument mhux ikkonfermat minn min irrediġieh il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Ottubru 1983 fil-kawża fl-ismijiet **Xuereb vs Callus** fejn ġie stabbilit li jekk id-dokument esebit ma jiġix ikkonfermat bil-ġurament "*ma jiswiex bhala prova tal-kontenut tieghu*".

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tiċħad it-tielet talba attriċi kif dedotta.

## 4. Ħsara fl-appartament

L-atturi allegaw fermament li l-konvenut jaħti u di konsegwenza għandu jiġi kkundannat jagħmel tajjeb għall-ħsarat kollha minnu kkawżati fl-appartament mertu ta' din il-vertenza.

L-attriċi Georgia Gatt ikkonfermat illi l-appartamenti li jifformaw il-blokka li fiha hemm l-appartament *de quo* ilhom mibnija s-snin tant illi hi stess lanqas tiftakar meta nbnew. Mir-ritratti in atti jidher b'mod evidenti li l-appartamenti m'humiex ġodda.

Jirriżulta li qabel ma' l-appartament ġie konċess lil Franco Galea, l-atturi ma ħadux stat tal-kundizzjoni tal-appartament. F'dak iż-żmien din il-ħtieġa ma nħassitx la da parti tal-atturi u lanqas da parti ta' Franco Galea. In vista ta' dan mhux magħruf x'kienet il-kundizzjoni tal-appartament dak inhar.

Da parti tagħhom l-atturi pruvaw jiskarikaw il-ħsarat kollha fl-appartament fuq Franco Galea. Min-naħa tiegħu Galea xehed li hu m'għamilx ħsarat u li addirittura qabel ivvaka l-appartament huwa ra li l-appartament jitnaddaf u jinżebgħa.

L-unika prova li l-atturi pproduċew fir-rigward tal-allegati ħsarat hija rapport redatt mill-Perit Edward Scerri fuq inkarigu *ex parte* tal-atturi. Dan il-perit jistma illi l-ħsarat kollha jammontaw komplessivament għas-somma ta' €3,452.20.

Il-Qorti hija rinfaċċjata wkoll bl-istima redatta mil-Perit Saviour Micallef li da parti tiegħu jistma li b'massimu ta' €400 jista' jinżebgħa l-post.

L-istimi li waslu għalihom il-periti *ex parte* huma pjuttost imbiegħda waħda mill-oħra. F'dan il-każ il-partijiet ma talbux li jitqabbad perit tal-Qorti sabiex jistma dawk illi fl-opinjoni tal-atturi huma l-ħsarat fl-appartament. Din il-Qorti tgħid mingħajr eżitazzjoni li huwa ferm diffiċli għaliha tistabbilixi xi ħsarat, jekk huwa minnu, saru fl-appartament. Tgħid dan għaliex fl-atti ma hemm ebda prova dwar l-istat tal-appartament qabel beda jirrisjedi fih Franco Galea. Konsegwentement m'hemm ebda mezz kif il-Qorti tista' tagħmel eżami komparattiv bejn l-istat tal-appartament qabel Mejju tas-sena 2012 u l-istat tal-appartament wara li Franco Galea ħareġ mill-appartament sabiex finalment tasal tistabbilixxi x'danni rriżultaw matul dak il-perijodu speċifiku. Anki f'dan il-każ kien jimkombi fuq l-atturi illi jressqu provi suffiċjentement konvinċenti u konkludenti għar-rigward tad-danni minnhom allegatament sofferti. Dawn il-provi ma jirriżultawx mill-atti.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis ir-raba' talba attriċi bħala mhux mistħoqqa.

## 5. Kera tal-garaxx

L-attur Michael Gatt qiegħed jippretendi fost l-oħrajn ħlas għall-kera ta' garaxx li fih tpoġġew l-oġġetti ta' Franco Galea.

Tajjeb jingħad illi mill-provi jirriżulta li Franco Galea kellu garaxx ta' 80 pied bi proprjeta' tiegħu, l-istess garaxx li fih poġġa l-vettura tiegħu l-attur Michael Gatt. Ma jirriżultax li Franco Galea kien jinneċessita' li jagħmel użu mill-garaxx tal-attur. Il-Qorti ssib illi kien l-attur Michael Gatt li bil-ħsieb aħħari illi jakkwista l-ġid ta' Franco Galea, għamel mezz li jġorr dawn l-affarijiet fil-garaxx tiegħu stess. Del resto, huwa Michael Gatt stess illi fix-xhieda tiegħu ikkonferma li żamm għandu l-oġġetti ta' Franco Gatt b'garanzija għall-pretensjonijiet tiegħu.

Il-Qorti tirrileva li bejn l-attur Michael Gatt u Franco Galea qatt ma kien hemm relazzjoni lokatizzja għaliex bejniethom qatt ma kien hemm ftehim dwar kera. Il-Qorti terġa tagħmel referenza għall-insenjamenti riportati supra dwar l-istitut tal-kommodat u tgħid illi dawk l-insenjamenti għandhom japplikaw ugwalment fir-rigward tal-użu li sar mill-garaxx tal-attur.

Għaldaqstant, lanqas din it-talba ma hija mistħoqqha.

## 6. Ħsarat fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GWW 002

Ġie allegat mill-atturi illi Franco Galea waddab xi likwidu aċiduż fuq il-vettura tal-attur Michael Gatt. Xehdu illi l-uniċi persuni li kellhom iċ-ċwievet tal-garaxx li fih kienet tinsab il-vettura, kienu Franco Galea u Michael Gatt.

F'dan ir-rigward Franco Galea xehed illi hu ma waddab jew waqqa' ebda likwidu fuq il-vettura. Xehed illi meta talab biex jara l-ħsarat fuq il-vettura, Michael Gatt baqa' ma weriehx il-ħsarat.

Bħala fatt l-inċident allegat baqa' qatt ma ġie riportat lill-Pulizija sabiex jieħdu passi.

Minkejja l-allegazzjoni serja minnhom lanċjata l-atturi ma ressqu ebda prova tal-ħsarat minnhom allegati. Ma ġie ppreżentat ebda ritratt li juri l-istat tal-vettura qabel u wara l-allegat akkadut. F'dan ir-rigward Michael Gatt ippreżenta biss stima ta' ħsarat madanakollu, Anthony

Saliba, it-tellar li ħareġ dik l-istima, xehed illi hu m'għamel ebda tiswijiet fuq il-vettura ta' Michael Gatt.

Ferm il-premess, anki jekk għall-grazzja tal-argument kellu jingħad li verament saret xi tip ta' ħsara fuq il-vettura proprjeta' tal-attur Michael Gatt, ma tressqet ebda prova ta' ness u responsabbilita' bejn il-ħsara u Franco Galea.

Lanqas din it-talba ma hija mistħoqqha.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida s-somma ta' €2000 bħala rappreżentanti serviġi reżi mill-attur Joseph Gatt.

Tiċħad il-bqija tat-talbiet kollha.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu nterament mill-atturi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Daniel Sacco
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur